# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn dsatax (19) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 213/15 FDP**

**Joseph Agius**
**(ID 206377M)**

**vs**

**GAP Holdings Ltd**
**(C 27803)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Lulju 2015 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasu somma sa mhux aktar minn tmint elef Euro (€8,000) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur biex jirranga u jsewwi l-hsarat u difetti li zviluppaw fil-fond tieghu bl-isem Metropolitan Court, M5, Triq Dun Frans Camilleri, Hamrun, liema propjeta huwa xtara minghandhom fil 11 ta' Dicembru 2007.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' April 2015 bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata fid 29 ta' Lulju 2015, kif jidher a fol 28 tal-process.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015 l-attur pprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 30).

Rat illi fis-seduta ta' llum 19 ta' Ottubru 2015 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta ta' llum, 19 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti ippresenta document fejn ikkonferma illi l-ammont rikjest kien attwlment ta' sitt elef u disgha u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€6,079.20).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta' l-attur jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' sitt elef u disgha u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€6,079.20) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Magistrat

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur